## 22 ta' Mejju, 1967

**Imħallfin**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D. — *President***
**Onor. Prof. J.J. Cremona, K.M., LL.D., B.A., D.Litt. (Rome), B.A., Hons. (Lond.), Ph.D. (Lond.), F.R.Hist.S. — Viċi-President**
**Onor. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Emanuel Pace

*versus*

Antonio Cachia et noe

**Soċjetà — Kumpanija — Seduta ġenerali — Deċiżjoni ta' — Validità — Oġġett ta' — Qliegħ — Profitt — Xogħol — Parteċipazzjoni fis**

*Deċiżjoni tas-seduta ġenerali ta' kumpanija ma tkunx valida u torbot jekk tkun ittieħdet bi vjolazzjoni tad-drittijiet tas-soċji kif stabiliti fil-ftehim oriġinali u mingħajr il-kunsens tagħhom. F'dan il-każ il-Qorti ddeċidiet li s-soċjetà ma setatx tneħħi d-dritt tas-soċji li jipparteċipaw fix-xogħol tas-soċjetà meta dak id-dritt kien ġie pattwit fil-ftehim kostitutiv.*

Il-Qorti, rat iċ-ċitazzjoni preżentata quddiem il-Qorti tal-Kummerċ, li biha l-attur, wara li ppremetta li hu wieħed mis-soċi tal-"Malta Steam Water Tank Company" wara att ta' ċessjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Cachia pubblikat fil-21 ta' Jannar, 1963 u kif aċċettat mill-konvenut nomine u mis-soċi l-oħra; li l-konvenut nomine rrifjuta li jdaħħlu għax-xogħol tas-soċjetà, sew wara talba verbali kif ukoll wara li interpellah b'ittra uffiċjali tas-6 ta' Mejju, 1963, talab li, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti op-

portuni, jiġi dikjarat u deċiż illi huwa għandu jippartecipa fix-xogħol tal-imsemmija Soċjetà "Malta Steam Water Tank Company" biex ikollu l-profitt ta' min jaħdem u dan bl-istess mod u mingħajr ebda limitazzjoni kif ukoll assoċjat ieħor jista' jippartecipa. B'riserva ta' kwalunkwe azzjoni ta' danni u bl-ispejjeż.

Omissis.

Rat is-sentenza ta' l-istess Qorti tas-7 ta' Ottubru, 1966 li biha t-talba ta' l-attur ġiet miċħuda bil-mod assolut kif konċepita billi d-dritt hemm imsemmi hu kondizzjonat għall-esiġenzi tax-xogħol, u in vista taċ-ċirkostanzi ġie ordnat li l-ispejjeż li m'humiex ġa deċiżi jibqgħu mingħajr taxxa, fid-dritt tar-Reġistru għall-attur, wara li kkunsidrat:

Omissis.

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li dik is-sentenza tiġi riformata fis-sens li jiġi deċiż skond it-talba tiegħu u l-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi jbatuhom il-kovenut nomine u l-kjamati fil-kawża.

Rat ir-risposta ta' Carmela mart Carmelo Sammut, Joseph Tabone, Jane Tabone, Teresa mart Edgar Mifsud, Emmanuele u Alfred aħwa Pace (fol. 237); Mary mart Emmanuele Farrugia, Mary, mart Vincenzo Zerafa, Carmela Cachia, Agostino u Salvatore Cachia, Antonio Cachia, Joseph Risiott, Giovanna Caffari, Paul, Michael u John Bugelli, Antonio Cachia, Christina Bonnett (fol. 238); Joseph Fava u Cettina Bruce (fol. 239); Vincent Micallef — li kollha qalu illi s-sentenza appellata hi ġusta u tistħoqq konferma.

Rat ir-risposta ta' Paolo Tabone, Felicia Bugeli, Adelina Pace, Carmelo Meilaq, Guido Meruzzi li qalu li jirrimettu ruħ-

hom għall-ġudizzju tal-Qorti billi, fi prim'istanza, huma irrikonoxxew id-dritt li kull "ċipp" għandu d-dritt ikollu membru jaħdem mal-kumpanija.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħat it-trattazzjoni u kkunsidrat —

Il-kwistjoni essenzjali f'dan l-appell hi jekk humiex vinkolenti għall-appellant id-deċiżjonijiet li kienu ittieħdu fis-seduti ġenerali tal-5 ta' Diċembru, 1953, 2 ta' Ġunju, 1962 u 6 ta' April, 1963. Fl-ewwel waħda minn dawk is-seduti (dik tal-5 ta' Diċembru, 1953) kien ġie deċiż, relativament għal dak li hu rilevanti għal din il-kawża, illi "fuq ix-xogħol jibqgħu b'seba' (7) min-nies u ma jiżdiedux biex ma jiżdiedux spejjeż".

Is-seduta tat-2 ta' Ġunju, 1962 ġiet imsejħa biex jiġi deċiż jekk il-kumpanija għandhiex bżonn iżjed in-nies fuq ix-xogħol. Proposta ta' Giuseppe Pace, missier l-appellant, biex jibgħat lill-appellant jaħdem ma ġietx sekondata minn ħadd u waqgħet għax ħadd minn dawk preżenti ma qabel magħha.

Fl-aħħarnett, fis-seduta tas-6 ta' April, 1963 reġgħet tressqet għall-kunsiderazzjoni, talba ta' Giuseppe Pace biex l-appellant jaħdem. Din it-talba reġgħet ma ġietx aċċettata u ġiet, minflok, approvata proposta li "Minħabba li l-kumpanija ma tiflaħx iżjed aktar spejjeż, għaldaqstant ma tistax taċċetta li iżżid aktar nies: però jingħata d-dritt li jekk xi ħadd jinżel jew jirtira minn fuq ix-xogħol, il-preferenza tingħata lill-ewwel wieħed li jkun irreġistrat għax-xogħol u li hu share-holder jew bin jew bint shareholders".

Dawn huma kollha deċiżjonijiet li ittieħdu wara s-sentenza tat-18 ta' Mejju, 1948 fil-kawża fl-ismijiet "Michele Bugelli et vs Paolo Bugelli noe" deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ tal-

Maestà Tagħha, li fuqha l-appellant jagħmel ħafna assenjament. Dik kienet kawża fejn tlieta min-nies kienu talbu li jiġi deċiż li bħala soċji fil-kumpanija (waħda minnhom permezz ta' binha) kellhom dritt jipparteċipaw fix-xogħol tal-kumpanija biex ikollhom il-profitt ta' min jaħdem u dana fl-istess mod u mingħajr ebda limitazzjoni kif kull assoċjat ieħor jippartecipa. Fuq dik it-talba, il-Qorti tal-Kummerċ ikkunsidrat illi f'għeluq iż-żmien li għalih il-kumpanija kienet ġiet kostitwita skond il-kuntratt fl-atti tan-Nutar Enrico Saydon tat-3 ta' Lulju, 1924 — żmien li kien għalaq fit-3 ta' Lulju, 1944 — inżammet l-istess komunjoni tal-interessi fl-azjenda li baqgħet attivata bħal qabel fl-interess ta' l-imsieħbin kollha; u peress li ebda ftehim ġdid ma sar bejn l-imsieħbin, l-azjenda u d-drittijiet tal-komproprietarji għandhom jitqiesu bħala regolati mill-pattijiet tal-kumpanija oriġinarja, għax hu preżumibbli li s-soċji riedu jħallu kollox kif kien qabel ma għalaq iż-żmien tas-soċjetà, billi ma daħħlu ebda minorazzjoni u komplew l-istess azjenda bl-istess kapital. Kompliet tikkunsidra dik il-Qorti illi, mill-kompless tal-provi u ta' l-att soċjali stess, kien jirriżulta li oriġinarjament l-imsieħbin kollha barra waħda, kienu jieħdu parti fix-xogħol personalment jew permezz ta' iben maġġuri tagħhom u wieħed mill-pattijiet kien li kull soċju kellu d-dritt li jissostitwixxi lill-ibnu maġġuri floku, barra minn wieħed li kien eskluż. Dana juri — qalet dik il-Qorti — illi lkoll kellhom dritt jippartecipaw fix-xogħol u lkoll (barra dak eskluż) kellhom id-dritt li jissostitwixxu iben maġġuri flokhom. Dan id-dritt ma intemmx b'għeluq l-għoxrin sena tas-soċjetà, għax, kif intqal, l-azjenda kompliet bħal qabel mingħajr innovazzjonijiet u għalhekk bl-istess pattijiet li s-soċji kellhom fis-soċjetà.

L-appellant fil-petizzjoni ta' l-appell u fit-trattazzjoni orali issottometta illi dik is-sentenza stabbiliet, in kontradittorju ta' l-istess soċjetà, illi l-kumpanija ġiet taċitament imġedda wara għeluq it-terminu tagħha u l-azjenda u d-drittiejet tal-kom-

proprietarji għandhom jitqiesu regolati mill-pattijiet tal-kumpanija oriġinarja. B'dik is-sentenza, jgħid l-appellant, ġiet kristallizzata l-pożizzjoni fil-konfront tas-soċji kollha u mhux biss ta' l-atturi f'dik il-kawża.

Fis-sottomissjoni ta' l-appellant id-deċiżjonijiet meħudin fis-seduti ġenerali — anki jekk jitqies li ittieħdu regolarment — ma kienux, bħala deċiżjonijiet ta' maġġoranza biss, biżżejjed *biex jwaqqgħu jew jinnewtralizzaw dak li kien ġie deċiż* b'dik is-sentenza ta' l-1948 jew dak li kien hemm fil-pattijiet oriġinarji: għax il-maġġoranza ma setgħetx tmur kontra patt tas-soċjetà bi preġudizzju tal-minoranza: il-pattijiet tas-soċjetà jistgħu jitbiddlu biss — salv jekk l-att stess kostitutiv tas-soċjetà, ikun jipprovdi xort'oħra — b'deċiżjoni unanima tas-soċji fis-soċjetà.

Ikkunsidrat —

Għall-bidu li l-kumpanija in kwistjoni ġiet kostitwita, m'hemmx dubju illi l-idea kienet illi s-soċji kollha jippr estaw l-opra tagħhom, billi kull wieħed minnhom jaħdem fix-xogħol tagħha. Skond il-patt numru 6 tal-kuntratt, is-soċji setgħu, minflok ma jaħdmu huma stess, jissostitwixxu fix-xogħol għalihom infushom, persuna oħra nominata mill-amministratur: però skond il-patt numru 7, kull soċju sata' jissostitwixxi ruħu minn tifel tiegħu, ta' fuq it-18-il sena, mingħajr in-neċessità ta' l-approvazzjoni ta' l-amministratur.

Dak iż-żmien ma kienx hemm pagi għas-soċji li kienu jaħdmu: huma kollha kienu jaqsmu l-profitti bejnithom wara li jinqatgħu l-ispejjeż. Hekk baqa' jsir qisu sakemm spiċċat l-aħħar gwerra. Matul il-gwerra it-tankijiet tal-kumpanija kienu ġew rekwiżizzjonati mill-Ammiraljat. Meta dawn it-tankijiet ġew meħlusin mir-rekwiżizzjoni u mogħtija lura lill-kumpanija Giuseppe Bugelli jidher li sejjaħ lil komproprietarji biex

jarġa' *jibda* s-servizz tax-xogħol tal-kumpanija, iżda, evidentement għaliex *il-maġġoranza* tagħhom kienu allura impjegati f'xogħol ieħor, *ma marrux* biex jaħdmu fix-xogħol tal-kumpanija ħlief xi *tlieta jew erba'* biss: u allura hu ħass li kien hemm bżonn li l-kumpanija tibda taħdem b'sistema differenti ġie stabbilit li jaħdmu numru ta' soċji biss u inħarġet paga għal dawk li jaħdmu, b'mod *illi* dawk li ma kienux jaħdmu kienu jaqsmu biss il-profitt li kien *jifdal* wara li jinqatgħu dawk il-pagi kif ukoll il-pagi ta' xi *barranin* impjegati mal-kumpanija, u l-ispejjeż l-oħra tal-ġestjoni.

Hekk kien qed isir diġa meta nqalgħet u ġiet deċiża l-kawża ta' l-1948. Ma jidhirx, però, la mill-proċess ta' dik il-kawża u inqas mis-sentenza li ngħatat fiha, illi dak it-tibdil fis-sistema tax-xogħol kien ġie miftiehem jew approvat b'xi mod formali jew f'xi seduta. Il-Qorti, f'dik is-sentenza, sabet, kif ġa intqal, illi l-azjenda u t-tmexxija tagħha kienu tkomplew kif kienu qabel skond il-pattijiet tal-kuntratt oriġinali, iżda ebda *riferenza* m'hemm f'dik is-sentenza għal xi deċiżjoni li kienet *ittieħdet* mill-imseħbin.

*Fil-fehma* tal-Qorti dik is-sentenza *ma* tistax għalhekk tifforma *stat fuq il-kwistjoni* dwar l-effett li jistgħu jkollhom fuq l-istat *oriġinali* jew fuq l-istat kif misjub fl-istess sentenza d-deċiżjonijiet *li ittieħdu*, kif ġa ntqal, snin wara l-prolazzjoni tagħha. Dik *il-kwistjoni li*, kif ġa intqal wkoll, hi verament l-unika kwistjoni fondamentali u minnha jiddependi l-eżitu ta' din il-kawża, jinħtieġ għalhekk li tiġi deċiża.

Din il-Qorti wara li ħasbet fit-tul, jidhrilha li għandha taċċetta s-sottomissjoni ta' l-appellant fis-sens illi d-deċiżjonijiet meħudin fis-seduti ġenerali li għalihom saret riferenza ma jistgħux jipprivaw lill-appellant mid-dritt li hu kellu skond il-kuntratt oriġinali li, purchè abbili għax-xogħol u josserva l-pattijiet l-oħra, jipparteċipa fix-xogħol tal-kumpanija. Il-Qorti

tifhem il-konvenjenza ta' dawk id-deċiżjonijiet u tapprezza għal kollox illi bihom ġie provdut għal sistema ta' xogħol aħjar li jassigura aktar kontinwita u organizzazzjoni. Iżda, fil-fehma tal-Qorti, si tratta ta' *restrizzjoni* ta' dritt li kien fondamentali għall-ftehim oriġinali u ta' patt li ma satax jiġi mbidel bi preġudizzju ta' l-appellant, mingħajr il-kunsens u l-adesjoni tiegħu. Għad illi, wara l-għeluq taż-żmien oriġinarjament miftiehem, is-soċjetà minħabba n-nuqqas tal-formalitajiet preskritti mil-liġi, ma komplietx bħala soċjetà regolari, baqa' bejn l-assoċjati stat ta' komunjoni ta' interess li la darba dak iż-żmien ma ġiex miftiehem xejn, baqa' regolat bil-pattijiet u li stipulazzjonijiet ta' qabel. Fin-nuqqas ta' ftehim milħuq minn kulħadd xort'oħra, l-appellant bħala wieħed mill-komproprietarji bis-saħħa taċ-ċessjoni ta' drittijiet magħmula lilu minn missieru, għandu d-dritt u jusufruwixxu minn sehmu fl-aktar mod ampju u komplet li t-termini tal-ftehim oriġinali jippermetti u dan il-mod ta' *tgawdija* ta' sehmu ma satax, fil-fehma tal-Qorti, jiġi ristrett jew diminwit b'deċiżjoni ta' maġġoranza li magħha hu jew l-awtur tiegħu kienu jiddisentu. Il-Qorti jidhrilha illi hawn non si tratta **ta' sempliċi kwistjoni ta' amministrazzjoni** li għaliha tista' tiġi applikata b'analoġija d-dispożizzjoni tal-paragrafu (c) ta' l-artikolu 1767 tal-Kodiċi Ċivili, u l-Qorti anqas jidhirlha li jista' jittieħed argument kontra t-teżi ta' l-appellat mid-dipożizzjoni tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 531 ta' dak il-Kodiċi, l-ewwelnett għaliex dan mhux każ fejn il-Qorti ġiet adita biex li stess tagħti direttivi dwar it-tmexxija u tgawdija aħjar tal-ħaġa komuni u t-tieninett għaliex, bl-arranġament kif stabbilit fid-deċiżjonijiet tas-seduti ġenerali fuq imsemmija, l-appellant għandu preġudizzju manifest.

Verament dan anqas hu każ fejn għandha tiġi imfittxija analoġija minn dispożizzjonijiet tal-liġi. Hemm il-pattijiet espressi tal-kuntratt, liema pattijiet (almenu dawk l-aktar fondamentali fosthom bħal din in kwistjoni) fil-fehma ta' din il-

Qorti, galadarba fih stess xejn ma hu provdut xort'oħra, jinħtieġu biex jiġu mibdula l-adesjoni ta' kull minn kien parti għall-ftehim jew, ad ogni modo ma setgħux jiġu mibdula, bi ħsara ta' l-appellant, mingħajr il-kunsens tiegħu.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell tirevoka s-sentenza appellata u tilqa' t-talba ta' l-appellanti iżda mħabba ċ-ċirkostanzi tal-każ l-ispejjeż anki ta' din l-istanza jibqgħu bla taxxa ħlief id-dritt tar-Reġistru li jitħallas mill-konvenut oriġinali nomine